# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR**
**DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2000**

**Citaz. numru 32/00GT(JR)**

**Anthony Attard**

**vs**

**Anglu Camilleri**

**It-Tribunal;**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju 2000 fejn intalab il-hlas ta' tlieta u erbghin lira Maltija (Lm43.00) dovuti lill-attur bhala hlas ta' xorb u sigaretti illi huwa ha mill-hanut tal-konvenut fin-Nadur, Ghawdex;

Qed jintalab li l-konvenut jigi ukoll ikkundannat ihallas l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, u l-ispejjez ta' l-ittra mibghuta lilu f'Gunju tas-sena elfejn (2000) u l-ispejjez ta' dina l-procedura.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Attard li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlieta u erbghin lira Maltija (Lm43.00), bl-imghax legali mill-11 ta' Lulju 2000.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.

(ft.) Joseph Refalo
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR**
**DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2000**

**Citaz. numru 36/00GT(JR)**

**Dominic Department Stores (DDS) Limited**

**vs**

**Raymond u Doris konjugi Fenech**

**It-Tribunal;**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Lulju 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160.00) dovuti lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' merci lilhom mibjugha u kkonsenjata u li l-prezz taghhom baqa' ma giex saldat, inkluz f'din is-somma l-imghaxijiet mid-data tal-bejgh ta' l-istess oggettti sal-hlas effettiv.

Bl-imghaxijiet ulterjuri u bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittri interpellatorji ta' l-4 ta' Marzu 1999 u tal-5 ta' Frar 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr Mario Scerri difensur tas-socjeta' attrici li ddikjara li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant  peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, u wara li  ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160.00), bl-imhgax legali mit-18 ta' Lulju 2000.

L-ispejjez ta' din l-istanza komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-4 ta' Marzu, 1999 u tal-5 ta' Frar 2000 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.

(ft.) Joseph Refalo
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR**
**DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2000**

**Citaz. numru 26/00GT(JR)**

**Denis Mifsud ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Metropolis S & C Agency**

**vs**

**Donatello Psiani**

**It-Tribunal;**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju 2000 fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u disghin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm192.37) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.

Dehret Dr Georgina Scicluna Bajada ghall-konvenut li ddikjarat li l-pagament kien sar.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddikjara l-mertu ezawrit, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez tal-prezenti proceduri.

(ft.) Joseph Refalo
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR**
**DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2000**

**Citaz. numru 34/00GT(JR)**

**AIC Emanuel Vella**

**vs**

**Tripod Investments Limited**

**It-Tribunal;**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn disgha u erbghin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm249.55) dovuti lill-attur bhala hlas ta' xoghol professjonali ta' perit illi huwa ghamel fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-fond bin-numru sitta u tmenin (86) Triq Seguna, Sannat, Ghawdex.

Intalab ukoll illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u l-ispejjez ta' din il-procedura.

Ra n-nota ta' l-attur prezentata fit-12 ta' Settembru 2000, li biha ceda s-sorte pero' zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-meritu, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Dicembru, 1999.

(ft.) Joseph Refalo
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur